GĦASRI

**Kunsill Lokali Ghasri**
**6 Triq Dun Karm Caruana, Għasri, Għawdex.**
**(Tel. No. 21558686 - Fax No. 21558655)**

*Ref. Nru. VI/34*

Minuti tal-Laqgħa Nru. 34 tal-Kunsill Lokali Għasri (is-Sitt Terminu), li nżammet nhar il-Ħamis, 24 ta' Frar 2011 fis-6.30p.m. fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill.

Il-laqgħa kienet preseduta mis-Sindku s-Sur Andrew Vella.

Membri oħra tal-Kunsill li kienu preżenti :

Is-Sur Emmanuel Mintoff (Viċi Sindku)
Is-Sur Frank Formosa
Is-Sinj. Renance Vella Aquilina
Is-Sur Joseph Farrugia

**I. Talba**
Fil-bidu tal-laqgħa s-Segretarju qal it-talba.

**II. Minuti**
**1. Approvazzjoni**
Quddiem il-Kunsill tressqu l-Minuti ta' l-aħħar Seduta Nru. 33. Peress li l-minuti kienu tqassmu qabel il-laqgħa, dawn ġew meħuda bħala moqrija.

**2. Emendi**
Għal dawn il-minuti kif ippreżentati, ma tressqux emendi u għalhekk dawn kienu

**III. Materji mill-Minuti**
**1. Appell fuq Tenders tal-Knis u Bulky Refuse**
Fir-rigward ta' dan l-Appell imressaq minn Bugeja Bros. il-Kunsill Lokali għadu jistenna li tittieħed id-deċiżjoni li trid tittieħed mill-Bord li sema l-Appell. Skond kif kien stipulat, din id-deċiżjoni suppost kellha tittieħed sal-bidu ta' Marzu.
**2. Enerġija Alternattiva**
Il-kumpanija Awstrijaka permezz tad-Direttur Maniġerjali tagħha, Franz Vieghofer, bagħat il-pjanti kollha neċessarji ħalli dawn ikunu studjati fejn qed ikun propost li jkunu stallati turbini tar-riħ minn din il-kumpanija.
Hu qed jissuġġerixxi li jinżammu laqgħat mal-Kumitat Reġjonali għal Għawdex u prinċipalment mal-Ministeru għal Għawdex fejn hu jkun jista' jissottometti aħjar ix-xogħol li jixtieq iwettaq f'Għawdex.

Sadanittant l-istess Direttur Franz Vieghofer għoġbu jirregala lil dan il-Kunsill Lokali pjanta dettaljata ta' Għawdex kollu magħmula mill-"fibre" u bl-ismijiet tal-irħula u l-postijiet kollha skond il-pożizzjoni u għamla tagħhom.

**3. Drenaġġ fil-Wied ta' Feliċi**

Din il-problema ġiet irrapurtata u s-sezzjoni tad-drenaġġ fid-Dipartiment ta' l-Ilma, għandhom jinvestigaw u jieħdu l-passi neċessarji.

**IV. Korrispondenza**

i. Il-Kumitat tal-Mission Fund qed jissuġġerixxi li kull Kunsill Lokali f'Għawdex itella' attivita b'solidarjeta mal-missjunarji Maltin. Għalissa, dan il-Kunsill ma jistax jagħmel pjanijiet biex tittella' din l-attivita fil-lokal.
ii. Il-premju Nazzjonali Ħaddiem tas-Sena se jinżamm nhar il-Ġimgħa 11ta' Marzu 2011 f'Lukanda f'Għajnsielem. Dan il-Kunsill ġie mistieden jattendi.
iii. Ittra mill-Assistant Kummissarju tal-Pulizija s-Sur Raymond Zammit fejn qed jappella għal aktar koperazzjoni mal-Kunsilli Lokali.
iv. Il-MEPA bagħtet tinforma li kienet tressqet applikazzjoni żvilupp fi Triq il-Knisja.

**V. Mozzjonijiet**

**1. Approvazzjoni tar-Rapport Finanzjarju 2010**

Quddiem il-Kunsill tressaq ir-Rapport Finanzjarju għas-sena li għalqet fil-31 ta' Diċembru 2010 u li kien ippreparat mill-Accountant tal-Kunsill Lokali.

Dan ir-rapport kien aċċettat mill-Kunsill u għalhekk dan kien iffirmat mis-Sindku u mis-Segretarju. Kopji ta' dan ir-rapport għandhom jintbagħtu lin-NAO, lid-Direttur tal-Gvern Lokali u lill-awditur tal-Kunsill biex dan ta' l-aħħar ikun jista' jivverifika u jiffinalizza l-awditjar tax-xogħol tal-Kunsill.

**2. Fondi mill-Programm "Eko-Għawdex"**

Quddiem il-Kunsill tressaq ir-rapport annwali fuq il-kariga tas-Segretarju Eżekuttiv. Skond ir-regolamenti, l-Kunsill għandu jiddiskuti u japprova dan ir-rapport biex imbagħad jintbagħat lid-Direttur tad-Dipartiment tal-Gvern Lokali biex ikun ikkonfermat.

**3. Laqgħa tal-Lokalita**

Il-Kunsill iddeċieda li l-laqgħa tal-lokalita tinżamm nhar it-Tlieta 8 ta' Frar 2011 fis-6.00p.m. Din il-laqgħa għandha tiġi avżata permezz ta' fuljett li jitbagħat lil kull residenza.

**VI Materji Ohra**

**1. Bankina fi Triq il-Fanal**

Il-familja Pace li xtraw dar fi Triq il-Fanal qed jitolbu li l-bankina ta' quddiem il-propjeta tagħhom tinqala' u terġa tinbena sabiex tkun baxxa aktar mill-bieb prinċipali tad-dar tagħhom. Dan ix-xogħol għandu jsir tul dan ix-xahar.

**2. Fondi mill-MEPA**

Il-MEPA nformat lil dan il-Kunsill Lokali li l-fondi mill-Urban Improvement miġbura għal din il-lokalita, sa Novembru 2010 kienu jammontaw għal €1886.80

**3. Parteċipazzjoni fi Programm Televiżiv**

Id-Dipartiment għall-Gvern Lokali bagħat jistieden lill-Kunsill Lokali biex jipparteċipaw fi program televiżiv fuq l-istazzjoni TVM u Education 22 li se jibdew jixxandru f'sensiela ta;'13 il-programm.

Biex nipparteċipaw, il-Kunsill kien mitlub iħallas l-ammont ta' €951.00 u dan ikun għall-programm ta' nofs siegħa biss.

Il-Kunsill iddeċieda li ma jieħux sehem f'dawn il-programmi għaliex l-ispiża kienet ikkunsidrata għolja.

**VII. Ħlas ta' Kontijiet**

Quddiem il-Kunsill tressqet l-iskeda ta' pagamenti biex ikunu approvati mill-Kunsill. L-iskeda kif ippreżentata ġiet aċċettata mill-Kunsill.
Kopja ta' din l-iskeda qed tinhemeż mal-minuti.

Il-laqgħa li jmiss ġiet appuntata għal nhar it-Tlieta, 29 ta' Marzu 2011 fis-7.30p.m.

Il-laqgħa tal-lum intemmet fit-8.30p.m.

Andrew Vella
Sindku

Joe Camilleri
Segretarju Ezekuttiv

Data : ______________